

Brussell, 30 ta' Ottubru 2024
(OR. en)

14523/1/24
REV 1
PV CONS 50
JAI 1503
COMIX 425

ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Ġustizzja u Affarijiet Interni)

10 u 11 ta' Ottubru 2024

AFFARIJIET INTERNI

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 13938/24.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

a) Lista mhux leġiżlattiva

13939/24

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni. Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

b) Lista leġiżlattiva (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

13940/24

Ġustizzja u Affarijiet Interni

1. Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti difettużi
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv



13760/24 + ADD 1
PE-CONS 7/24
JUSTCIV

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE). Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

2. Direttiva li temenda d-Direttiva 2014/62/UE fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' rappurtar
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv



13763/24
PE-CONS 82/24
JAI

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 83(1)TFUE). F'konformità mal-Protokolli rilevanti annessi mat-Trattati, id-Danimarka ma pparteċipatx fil-vot.

3. **Regolament li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 dwar id-disinji Komunitarji**  13286/24
Adozzjoni tal-att leġislativ PE-CONS 96/23
PI

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 118 TFUE).

4. **Direttiva dwar il-protezzjoni legali tad-disinji (riformulazzjoni)**  13313/24
Adozzjoni tal-att leġislativ PE-CONS 97/23
PI

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 114(1) TFUE), bl-Iżvezja tivvota kontra.

Telekomunikazzjoni

5. **Regolament dwar ir-rekwiżiti orizzontali taċ-ċibersigurtà għall-prodotti b'elementi diġitali (l-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika)**  13757/24 + ADD 1
Adozzjoni tal-att leġislativ PE-CONS 100/23
CYBER

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE). Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

GOVERNANZA POLITIKA TAŻ-ŻONA SCHENGEN ("KUNSILL TA' SCHENGEN")

Attivitajiet mhux leġislattivi

3. Is-sitwazzjoni generali taż-żona Schengen
- a) Barometru ta' Schengen 13507/1/24 REV 1
 - b) Implimentazzjoni tal-prijoritajiet taċ-ċiklu annwali tal-Kunsill ta' Schengen 13866/24
- Skambju ta' fehmiet*
- c) Implimentazzjoni tal-interoperabbiltà
- Sitwazzjoni attwali*

- | | | |
|----|--|----------|
| 4. | Tisħiħ tal-effettività tal-politika ta' ritorn tal-UE
<i>Skambju ta' fehmiet</i> | 13713/24 |
| 5. | L-applikazzjoni sħiħa tal- <i>acquis</i> ta' Schengen fil-Bulgarija u r-Rumanija
<i>Sitwazzjoni attwali</i> | |

KWISTJONIJIET OĦRA MARBUTA MAL-AFFARIJIET INTERNI

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

- | | | |
|----|---|--|
| 6. | Regolament għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal
<i>Sitwazzjoni attwali</i> |  13726/1/24 REV 1 |
|----|---|--|

Il-Kunsill ħa nota tas-sitwazzjoni attwali rigward ir-Regolament għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal.

- | | | |
|----|--|----------|
| 7. | Affarijiet oħra
Proposti leġiżlattivi attwali
<i>Informazzjoni mill-Presidenza</i> | 13515/24 |
|----|--|----------|

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali ta' proposti leġiżlattivi differenti fil-qasam tal-affarijiet interni.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

- | | | |
|----|--|------------------|
| 8. | Il-konsegwenzi tal-kunflitti esterni u l-implikazzjonijiet tagħhom għall-UE ¹
<i>Skambju ta' fehmiet</i> | 13811/24 |
| 9. | Il-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga u l-kriminalità organizzata
<i>Sitwazzjoni attwali</i> | 13703/24 + COR 1 |

¹ L-aġenziji Ewropej EUAA, Europol u Frontex ġew mistiedna għal dan il-punt.

10.	Affarijiet oħra	
a)	Implimentazzjoni tar-riformi tal-migrazzjoni u l-ażil <i>Informazzjoni mill-Kummissjoni</i>	14291/24
b)	Implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2022/2065 dwar suq uniku għas-servizzi diġitali (DSA): obbligu ta' rappurtar għal kontenut illegali <i>Informazzjoni mill-Ġermanja</i>	13839/24
c)	Ir-reklutaġġ ta' minorenni u individwi zghażaġh fil- kriminalità permezz ta' pjattaformi online <i>Informazzjoni mill-Iżvezja</i>	13840/24
d)	Forum reġjonali tal-protezzjoni ċivili (Vilnius, 6 ta' Settembru 2024) <i>Informazzjoni mil-Litwanja</i>	13849/24
e)	Forum ministerjali tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent (Montenegro, 28- 29 ta' Ottubru 2024) <i>Informazzjoni mill-Presidenza</i>	13161/24

IL-ĠIMGĦA 11 TA' OTTUBRU 2024

ĠUSTIZZJA

Deliberazzjonijiet leġislattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

11.	Affarijiet oħra	
	Proposti leġislattivi attwali	13515/24
	<i>Informazzjoni mill-Presidenza</i>	

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali ta' proposti leġislattivi differenti fil-qasam tal-ġustizzja.

Attivitajiet mhux leġislattivi

12.	Il-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga u l-kriminalità organizzata ² <i>Sitwazzjoni attwali</i>	13703/24 + COR 1
13.	Gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna: ġlieda kontra l-impunità ² <i>Sitwazzjoni attwali</i>	13216/24
14.	It-trawwim tal-aċċess għall-ġustizzja fil-kuntest tal-istat tad-dritt u l-kompetittività <i>Skambju ta' fehmiet</i>	13797/24

² L-aġenzija Ewropea Eurojust ġiet mistiedna għal dan il-punt.

- | | | |
|---------------------|---|----------------------|
| 15. | Il-ġlieda kontra r-rażiżmu: rapport ta' implimentazzjoni dwar il-pjan ta' azzjoni kontra r-rażiżmu ³
<i>Skambju ta' fehmiet</i> | 13809/24
13819/24 |
| 16. Affarijiet oħra | | |
| a) | Il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu: żviluppi fil-qasam tal-ġlieda kontra l-antisemitiżmu ³
<i>Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni</i> | |
| b) | Rapport annwali għall-2024 dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE ³
<i>Informazzjoni mill-Kummissjoni</i> | 14119/24 |
| c) | L-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.
<i>Informazzjoni mill-Presidenza</i> | |
| d) | Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt
<i>Informazzjoni mis-Slovakkja</i> | 13686/24 |
| e) | Negożjati bejn l-UE u l-Istati Uniti rigward ftehim dwar l-evidenza elettronika
<i>Informazzjoni mill-Kummissjoni</i> | 13161/24 |
| f) | Forum ministerjali tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent (Montenegro, 28-29 ta' Ottubru 2024)
<i>Informazzjoni mill-Presidenza</i> | |



L-ewwel qari



Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

³ Id-Direttur tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali kienet mistiedna għal dan il-punt.

Dwar il-punt "A" **Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti difettużi**
nru 1: *Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

DIKJARAZZJONI MILL-ESTONJA

"L-Estonja tappoġġa l-għan tad-Direttiva u tista' taqbel mal-biċċa l-kbira tas-soluzzjonijiet tagħha. Madankollu, id-Direttiva tirregola l-liġi proċedurali b'tali mod li jwassal għal tħassib fundamentali għall-prinċipji bażiċi tal-liġi ta' Stat Membru.

Jiġifieri, id-Direttiva għandha klawżola ta' armonizzazzjoni massima, u b'hekk tirregola wkoll b'mod eżawrjenti d-divulgazzjoni tal-evidenza fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà għal prodotti difettużi. L-armonizzazzjoni massima twassal għal reġim speċjali inkwetanti fil-liġi tagħna fejn japplikaw regoli differenti. B'mod aktar speċifiku, ikun aktar diffiċli għal attur li jitlob l-assistenza tal-qorti fil-ġbir tal-evidenza f'kawżi ta' responsabbiltà għal prodotti difettużi milli fi proċedimenti legali oħra, kemm f'dawk fejn tiġi preżunta l-inugwaljanza tal-partijiet kif ukoll f'dawk fejn tiġi preżunta l-ugwaljanza tal-partijiet.

Matul in-negozjati, l-Estonja spjegat li l-kontenut tal-azzjonijiet proċedurali ma għandux ikun differenti b'mod mhux raġonevoli abbażi tal-kontenut speċifiku tat-tilwima. Dan iwassal għal frammentazzjoni tal-liġi, nuqqas ta' ċarezza legali u, l-aktar importanti, trattament differenti tal-partijiet fil-proċedimenti. Dan jista' jwassal għal problema mal-Kostituzzjoni tagħna. Għidna l-attenzjoni għall-fatt li l-liġi proċedurali ta' Stat Membru hija sistema unifikata fejn partijiet differenti tal-liġi proċedurali huma konnessi u b'bilanċjati ma' partijiet oħra tal-liġi proċedurali. Għalhekk, sabiex jiġu żgurati ċ-ċarezza legali u t-trattament ugwali tal-partijiet fil-proċedimenti, għandna nikkunsidraw li nbiddlu r-regoli ġenerali għad-divulgazzjoni tal-evidenza fil-liġi proċedurali ċivili domestika tagħna għal dawk li hemm fid-Direttiva. Madankollu, ma nqisux li huwa possibbli peress li tali interferenza mad-dritt nazzjonali ma għandhiex tkun l-għan tad-dritt tal-UE.

Barra minn hekk, il-bażi legali għar-regolamentazzjoni tal-proċedimenti tal-qorti ċivili fl-Unjoni Ewropea hija l-Artikolu 81 TFUE, li jirregola l-kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera. Fil-każ ta' din il-bażi legali, dejjem isir monitoraġġ b'reqqa kbira biex ir-regoli maħluqa ma jinterferux mal-liġi proċedurali nazzjonali tal-Istati Membri. Il-bażi legali tad-Direttiva inkwistjoni hija l-Artikolu 114 TFUE, li jirregola l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern. Aħna nemmnu li għandhom jingħataw l-istess kunsiderazzjonijiet bir-reqqa, meta tiġi applikata din il-bażi legali u fl-istess ħin tiġi rregolata l-liġi proċedurali tal-Istati Membri. Pereżempju, Direttiva eżistenti b'bażi legali tas-suq intern, li tittratta l-proċedimenti tal-qorti ċivili u li fiha wkoll il-klawżola ta' divulgazzjoni tal-evidenza, għandha biss effett minimu ta' armonizzazzjoni (id-Direttiva dwar Azzjonijiet Rappreżentattivi). Dak jippermetti lill-Istati Membri jibbażaw ir-regoli tagħhom fuq id-dritt nazzjonali u t-tradizzjonijiet legali tagħhom.

Fl-aħħar nett, id-dritt tal-Unjoni ma jistax imur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkiseb l-għan. Madankollu, il-formulazzjoni tar-regoli dwar id-divulgazzjoni tal-evidenza (fil-parti operattiva u fil-premessa) tindika li l-għan huwa li jsir intervent fil-liġi proċedurali tal-Istat Membru, filwaqt li jinholq reġim speċjali għall-ġbir tal-evidenza biss fil-qasam speċifiku ta' kwistjonijiet ta' responsabbiltà għal prodotti difettużi. Kif l-armonizzazzjoni massima f'dan il-każ tkun iġġustifikata għadu inkomprensibbli (inkluż kif huwa ġġustifikat li tiġi rregolata b'mod differenti minn f'oqsma oħra fejn ukoll hija preżunta l-inugwaljanza tal-partijiet). Barra minn hekk, l-impatt reali ta' tali armonizzazzjoni massima fuq il-liġi proċedurali u s-sistemi legali nazzjonali tal-Istati Membri ma ġiex ivvalutat. Fil-fehma tagħna, mhuwiex proporzjonat li jintlaħaq l-oġettiv inkwistjoni bis-soluzzjoni spjegata hawn fuq.

Fil-qosor, l-Estonja temmen li l-approċċ magħżul dwar id-divulgazzjoni tal-evidenza f'din id-Direttiva mhuwiex xieraq u ser insegwu bir-reqqa proposti oħra sabiex approċċ bħal dan ma jiġix ripetut."

**DIKJARAZZJONI POLITIKA KONĠUNTA TAL-PARLAMENT EWROPEW, IL-
KUNSILL U L-KUMMISSJONI**

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iqisu li dan ir-Regolament jikkonferixxi kompiti addizzjonali fuq l-ENISA li jirriżultaw f'ammont ta' xogħol addizzjonali u jkunu jeħtieġu riżorsi addizzjonali kemm f'termini ta' għarfien espert kif ukoll ta' għadd. Fid-dawl ta' dan, sabiex l-ENISA tkun tista' twettaq b'mod effettiv il-kompiti skont dan ir-Regolament, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jqisu li tista' tkun meħtieġa żieda fir-riżorsi tagħha, b'mod partikolari r-riżorsi umani tagħha bl-għarfien espert adegwat. Tali żieda tista' tiġi prevista fil-proċedura annwali relatata mat-tabella tal-persunal tal-ENISA. Għaldaqstant, il-Kummissjoni, li hija responsabbli biex fl-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni ddaħħal l-istimi li tqis meħtieġa għat-tabella tal-persunal tal-ENISA, fil-qafas tal-proċedura baġitarja stabbilita fl-Artikolu 314 TFUE u f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Att dwar iċ-Ċibersigurtà, għandha tivvaluta l-istimi għat-tabella tal-persunal tal-ENISA mdaħħla għall-ewwel sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament b'kunsiderazzjoni tar-riżorsi meħtieġa, b'mod partikolari r-riżorsi umani, biex l-ENISA tkun tista' twettaq il-kompiti tagħha b'mod adegwat skont dan ir-Regolament.